Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2025/0246(COD)

4.2.2026

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura u t-tħassir tar-Regolamenti (KE) Nru 1921/2006, (KE) Nru 762/2008, (KE) Nru 216/2009, (KE) Nru 217/2009 u (KE) Nru 218/2009
(COM(2025)0435 – C10-0184/2025 – 2025/0246(COD))
Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Sakis Arnaoutoglou

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 40

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 42

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura u t-tħassir tar-Regolamenti (KE) Nru 1921/2006, (KE) Nru 762/2008, (KE) Nru 216/2009, (KE) Nru 217/2009 u (KE) Nru 218/2009
(COM(2025)0435 – C10-0184/2025 – 2025/0246(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0435),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0184/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni bażitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Bażits,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A10-0000/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni tiegħu annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura jenħtieġ li titfassal biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u biex timmonitorja l-progress lejn l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni, bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew[2].	(2) L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura jenħtieġ li titfassal biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u biex timmonitorja l-progress lejn l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni, bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew[2] ***u***

l-Patt Ewropew għall-Oċeani.

[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2019/640 final).

[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2019/640 final).

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura bħalissa tinġabar abbażi ta' ħames atti legali li ma jipprovdux konsistenza sħiħa fl-oqsma statistiċi kollha. Meħtieġ qafas legali komuni biex tiġi żgurata l-konsistenza, jiġu ssimplifikati l-proċessi statistiċi u jiġi permess approċċ aktar olistiku.	(3) L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura bħalissa tinġabar abbażi ta' ħames atti legali li ma jipprovdux konsistenza sħiħa fl-oqsma statistiċi kollha. Meħtieġ qafas legali komuni biex tiġi żgurata l-konsistenza, jiġu ssimplifikati l-proċessi statistiċi u jiġi permess approċċ aktar olistiku***, sabiex titnaqqas il-pressjoni mhux meħtieġa fuq il-ħaddiema, jiġu evitati l-obbligi ta' rapportar frammentati u tittejjeb iċ-ċertezza legali għal dawk impjegati fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura***.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Meħtieġa dejjem aktar statistika Ewropea aktar dettaljata u f'waqtha biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politiki, tal-leġiżlazzjoni[3] tal-UE, kif ukoll ta' diversi inizjattivi tal-Kummissjoni, inklużi	(4) Meħtieġa dejjem aktar statistika Ewropea aktar dettaljata u f'waqtha biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politiki, tal-leġiżlazzjoni[3] tal-UE, kif ukoll ta' diversi inizjattivi tal-Kummissjoni, inklużi

l-pjanijiet ta' azzjoni għall-produzzjoni organika[4], l-akkwakultura sostenibbli[5], ekonomija blu sostenibbli[7], l-iżvilupp tas-settur tal-algi[8], it-tranżizzjoni enerġetika fis-sajd u fl-akkwakultura[9], u l-protezzjoni tal-ekosistema marittima[10].

l-pjanijiet ta' azzjoni għall-produzzjoni organika[4], l-akkwakultura sostenibbli[5], ekonomija blu sostenibbli[7], l-iżvilupp tas-settur tal-algi[8], it-tranżizzjoni enerġetika fis-sajd u fl-akkwakultura[9], u l-protezzjoni tal-ekosistema marittima[10]***, dment li kwalunkwe rekwiżit tad-data ġdid ikun strettament meħtieġ, proporzjonat, u ma jirriżultax f'ammont ta' xogħol addizzjonali jew kostijiet indiretti għall-ħaddiema, l-operaturi ż-żgħar jew il-komunitajiet lokali***.

---

[3] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tas- 17*** ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina), ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj/mlt Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi. ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj; u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj.

[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika (COM/2021/141 final).

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Linji gwida strateġiċi għal akkwakultura tal-UE li tkun aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodu bejn l-2021 u l-2030 (COM/2021/236 final).

[6] Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-

---

[3] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tas-17*** ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina), ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj/mlt Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi. ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj; u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj.

[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika (COM/2021/141 final).

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Linji gwida strateġiċi għal akkwakultura tal-UE li tkun aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodu bejn l-2021 u l-2030 (COM/2021/236 final).

[6] Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-

Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96 (COM/2023/597 final).

[7] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ ġdid għal ekonomija blu sostenibbli fl-UE It-trasformazzjoni tal-Ekonomija Blu tal-UE għal Futur Sostenibbli (COM/2021/240 final).

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Lejn Settur tal-Algi tal-UE B'Saħħtu u Sostenibbli (COM/2022/592 final).

[9] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija tas-Settur tas-Sajd u tal-Akkwakultura tal-UE (COM/2023/100 final).

[10] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Nipproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti (COM/2023/102 final).

Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96 (COM/2023/597 final).

[7] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ ġdid għal ekonomija blu sostenibbli fl-UE It-trasformazzjoni tal-Ekonomija Blu tal-UE għal Futur Sostenibbli (COM/2021/240 final).

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Lejn Settur tal-Algi tal-UE B'Saħħtu u Sostenibbli (COM/2022/592 final).

[9] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija tas-Settur tas-Sajd u tal-Akkwakultura tal-UE (COM/2023/100 final).

[10] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Nipproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti (COM/2023/102 final).

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Hemm ħtieġa dejjem akbar għal ġbir regolari, sistematiku u armonizzat ta' data soċjoekonomika għal finijiet statistiċi fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, sabiex jiġi appoġġat tfassil ta' politika robust ibbażat fuq l-evidenza, monitoraġġ effettiv u evalwazzjoni komprensiva.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-koerenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà tad-data, kif ukoll il-formati uniformi ta' rapportar, huma essenzjali għall-effiċjenza tal-ġbir tad-data u l-kwalità tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura.	(9) Il-koerenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà tad-data, kif ukoll il-formati uniformi ta' rapportar, huma essenzjali għall-effiċjenza tal-ġbir tad-data u l-kwalità tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura***, u għall-iżgurar li l-ħaddiema u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jiddependu fuq informazzjoni pubblika ċara, komparabbli u affidabbli***.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jallinja t-talbiet għad-data, id-definizzjonijiet, il-metodoloġiji u l-formati ta' rapportar tiegħu ma' dawk tal-FAO u tal-OECD biex jittejbu l-koerenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà, u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.	(10) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jallinja t-talbiet għad-data, id-definizzjonijiet, il-metodoloġiji u l-formati ta' rapportar tiegħu ma' dawk tal-FAO u tal-OECD biex jittejbu l-koerenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà ***tad-data***, u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-istatistika dwar il-produzzjoni tal-akkwakultura organika hija essenzjali għall-monitoraġġ tal-progress tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-produzzjoni organika. Sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-komparabbiltà, id-data amministrattiva mir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] jenħtieġ li tintuża sal-massimu possibbli.	(12) L-istatistika dwar il-produzzjoni tal-akkwakultura organika hija essenzjali għall-monitoraġġ tal-progress tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-produzzjoni organika. Sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-komparabbiltà, id-data amministrattiva mir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] jenħtieġ li tintuża sal-massimu possibbli***, sabiex jiġu evitati talbiet għad-data duplikati u piżijiet amministrattivi addizzjonali***.
[17] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj.	[17] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex jiġu ssodisfati d-domandi emerġenti għall-informazzjoni, tista' tinġabar data ad hoc dwar is-sajd u l-akkwakultura. Tali talba għal data addizzjonali jenħtieġ li tiġi sostanzjata kif xieraq u jenħtieġ li ma timponi l-ebda piż	(14) Sabiex jiġu ssodisfati d-domandi emerġenti għall-informazzjoni, tista' tinġabar data *ad hoc* dwar is-sajd u l-akkwakultura. Tali talba għal data addizzjonali jenħtieġ li tiġi sostanzjata kif xieraq u jenħtieġ li ma timponi l-ebda piż

sproporzjonat fuq ir-rispondenti u fuq l-awtoritajiet nazzjonali.	sproporzjonat fuq ir-rispondenti u fuq l-awtoritajiet nazzjonali***, u lanqas ma tirriżulta f'żieda fl-ammont ta' xogħol, xogħol mhux imħallas jew kostijiet indiretti għall-ħaddiema u l-operaturi fuq skala żgħira***.
	Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex jiġi evitat rapportar multiplu mill-Istati Membri, l-istatistika dwar il-qabdiet u l-flotta tas-sajd tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi prodotta mill-Kummissjoni (Eurostat) mid-data amministrattiva fil-livell tal-UE miġbura skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[20] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218)[21], sa fejn ikun possibbli.	(17) Sabiex jiġi evitat rapportar multiplu mill-Istati Membri, l-istatistika dwar il-qabdiet u l-flotta tas-sajd tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi prodotta mill-Kummissjoni (Eurostat) mid-data amministrattiva fil-livell tal-UE miġbura skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[20] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218)[21], sa fejn ikun possibbli***, u b'hekk jiġu limitati t-talbiet għad-data ripetuti***.
[20] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006, ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj.	[20] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006, ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj.
[21] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar	[21] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar

2017 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni C/2017/0504, ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/218/oj.

2017 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni C/2017/0504, ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/218/oj.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex il-produzzjoni tal-istatistika tkun aktar effiċjenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jużaw diversi sorsi u metodi tad-data, inklużi sorsi amministrattivi, stħarriġ, imputazzjoni, stima u mmudellar. Jenħtieġ li jiġu promossi wkoll soluzzjonijiet diġitali, għodod ta' monitoraġġ[22] u sensuri remoti, filwaqt li jiġu żgurati l-kwalità, l-akkuratezza, il-puntwalità u l-komparabbiltà tal-istatistika.	(18) Sabiex il-produzzjoni tal-istatistika tkun aktar effiċjenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jużaw diversi sorsi u metodi tad-data, inklużi sorsi amministrattivi, stħarriġ, imputazzjoni, stima u mmudellar. Jenħtieġ li jiġu promossi wkoll soluzzjonijiet diġitali, ***inklużi sistemi ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (REM),*** għodod ta' monitoraġġ[22] u sensuri remoti, filwaqt li jiġu żgurati l-kwalità, l-akkuratezza, il-puntwalità u l-komparabbiltà tal-istatistika.
[22] Bħall-programm tal-Unjoni għall-osservazzjoni tad-dinja Copernicus, https://www.copernicus.eu/mt.	[22] Bħall-programm tal-Unjoni għall-osservazzjoni tad-dinja Copernicus, https://www.copernicus.eu/mt.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ("ESSC", European Statistical System Committee) approva l-istruttura tal-Metadata Integrata unika ("SIMS",	(22) Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ("ESSC", European Statistical System Committee) approva l-istruttura tal-Metadata Integrata unika ("SIMS",

Single Integrated Metadata Structure)[23] bħala l-istandard tas-sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS, European statistical system) għar-rapportar tal-kwalità, ***li tikkontribwixxi*** għal standards uniformi u metodi armonizzati.	Single Integrated Metadata Structure)[23] bħala l-istandard tas-sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS, European statistical system) għar-rapportar tal-kwalità, ***u b'hekk jikkontribwixxi*** għal standards uniformi u metodi armonizzati***, filwaqt li jappoġġa t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont***.
[23] Is-SIMS kif imsemmi f'https://ec.europa.eu/eurostat/web/metadata/reference-metadata-reporting-standards.	[23] Is-SIMS kif imsemmi f'https://ec.europa.eu/eurostat/web/metadata/reference-metadata-reporting-standards.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, kemm l-Istati Membri kif ukoll l-Unjoni jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu finanzjament. Għalhekk jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet.	(30) Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, kemm l-Istati Membri kif ukoll l-Unjoni jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu finanzjament. Għalhekk jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet***, kif ukoll għall-possibbiltà li jingħata appoġġ tekniku, diġitali u loġistiku lill-Istati Membri, b'mod partikolari f'reġjuni remoti, insulari u ultraperiferiċi tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi

qafas integrat għall-istatistika Ewropea relatata mal-estrazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi ***tal-baħar*** minn attivitajiet tas-sajd u l-introduzzjoni tagħhom fis-suq, u għall-flotta tal-qbid tal-Unjoni***, il-produzzjoni tal-akkwakultura*** u l-istabbilimenti tal-akkwakultura.	qafas integrat għall-istatistika Ewropea relatata mal-estrazzjoni ***u l-produzzjoni*** ta' riżorsi bijoloġiċi ***akkwatiċi*** minn attivitajiet tas-sajd u ***tal-akkwakultura, u*** l-introduzzjoni tagħhom fis-suq, u għall-flotta tal-qbid tal-Unjoni u l-istabbilimenti tal-akkwakultura***, inkluża l-istatistika soċjoekonomika***.
	Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ***stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[1a] u fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013[1b] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament. Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet*** li ġejjin:
	1a Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006, ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj
	1b Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "ilmijiet tal-Unjoni", "riżorsi bijoloġiċi tal-baħar", "bastiment tas-sajd", "bastiment tas-sajd tal-Unjoni", "qbid skartat", "akkwakultura", "attività tas-sajd", "prodotti tas-sajd" u "prodotti tal-akkwakultura", għandu jkollhom it-tifsira li għandhom skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 4(1), fil-punti (1), (2), (4), (5), (10), (25), (28), (29) u (34) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33];	***imħassar***

[33] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "flotta tas-sajd tal-Unjoni" ***għandu jkollha t-tifsira li għandha skont id-definizzjoni korrispondenti stabbilita fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218***;	(2) "flotta tas-sajd tal-Unjoni" ***tfisser il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni kollha li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru u li huma rreġistrati fl-Unjoni***;

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "liċenzja tas-sajd", "sajd rikreattiv" u "bastiment tal-qbid" għandu jkollhom it-tifsira li għandhom skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 4, il-punti (9), (28) u (33) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;	***imħassar***

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) "sajd kummerċjali" tfisser sfruttament kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar imwettaq minn bastiment tal-qbid b'liċenzja tas-sajd valida, jew, minn persuna fiżika jew	(10) "sajd kummerċjali" tfisser sfruttament kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar imwettaq minn bastiment tal-qbid b'liċenzja tas-sajd valida, jew, minn persuna fiżika jew

ġuridika li jkollha liċenzja jew irreġistrata f'sistema alternattiva ***għas-sajd mingħajr bastiment***;	ġuridika li jkollha liċenzja ***għas-sajd mingħajr bastiment*** jew irreġistrata f'sistema alternattiva;

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) "stabbiliment tal-akkwakultura" tfisser kwalunkwe bini delimitat jew identifikat b'mod amministrattiv fejn isseħħ l-akkwakultura, bl-eċċezzjoni tal-produzzjoni tal-akkwakultura u tal-ispeċijiet ornamentali. L-istess stabbiliment tal-akkwakultura jista' jkollu diversi ***linji ta' produzzjoni***;	(14) "stabbiliment tal-akkwakultura" tfisser kwalunkwe bini delimitat jew identifikat b'mod amministrattiv fejn isseħħ l-akkwakultura, bl-eċċezzjoni tal-produzzjoni tal-akkwakultura u tal-ispeċijiet ornamentali. L-istess stabbiliment tal-akkwakultura jista' jkollu diversi ***siti tat-trobbija***;

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) "akkwakultura" tfisser it-trobbija ta' organiżmi akkwatiċi, inklużi ħut, molluski, krustaċji u pjanti akkwatiċi. It-trobbija timplika xi forma ta' intervent fil-proċess ta' trobbija sabiex tiżdied il-produzzjoni, bħall-istokkjar regolari, it-tagħlif jew il-protezzjoni mill-predaturi. It-trobbija timplika wkoll sjieda individwali jew korporattiva tal-istokk li jkun qed jiġi kkultivat. Għal finijiet statistiċi, organiżmi akkwatiċi li jingħabru minn individwu jew korp korporattiv li jkun is-sid tagħhom tul il-perjodu kollu ta' trobbija jikkontribwixxu għall-

	akkwakultura, waqt li organiżmi akkwatiċi li huma sfruttati mill-pubbliku bħala riżorsi komuni ta' proprjetà, bil-liċenzji xierqa jew mingħajrhom, huma l-ġbir tas-sajd.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont id-definizzjoni tal-FAO tal-akkwakultura

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) "produzzjoni tal-akkwakultura" tfisser ***l-ammont prodott mill-akkwakultura***, inkluża l-produzzjoni mill-imfaqas u min-nurseries, ***offerti*** għall-bejgħ;	(18) "produzzjoni tal-akkwakultura" tfisser ***il-piż tal-prodotti tal-akkwakultura mibjugħa***, inkluża l-produzzjoni mill-imfaqas u min-nurseries, ***li tkun offruta*** għall-bejgħ;

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) "bajd tal-ħut" tfisser il-massa ta' bajd tal-ħut għall-konsum mill-bniedem, li ma tintużax bħala fluss (input) fil-produzzjoni tal-akkwakultura.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkollhom liċenzja jew li jkunu rreġistrati f'sistema alternattiva ***għas-sajd mingħajr bastiment***;	(c) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkollhom liċenzja ***għas-sajd mingħajr bastiment*** jew li jkunu rreġistrati f'sistema alternattiva ***għall-persuni li jwettqu attivitajiet bħal dawn***;

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv u finanzjarju***, ***Stat Membru jista' jiġi eżentat*** milli jibgħat id-data dwar ċertu varjabbli lill-Kummissjoni (Eurostat) jekk:	3. ***Il-Kummissjoni tista', fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat***, ***teżentah*** milli jibgħat id-data dwar ċertu varjabbli lill-Kummissjoni (Eurostat) jekk:

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 3 għall-varjabbli kkonċernat meta dan jaqa' taħt il-limitu speċifikat f'konformità mal-paragrafu 5, il-punt (g);

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Meta Stat Membru jittrażmetti valur ta' kunfidenzjalità lill-Kummissjoni (Eurostat), huwa għandu jittrażmetti wkoll aggregat superjuri mhux kunfidenzjali.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 5	***imħassar***
Kollezzjoni tad-data ad hoc	
1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jispeċifikaw id-data li trid tintbagħat mill-Istati Membri fuq bażi ad hoc meta, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-ġbir ta' informazzjoni addizzjonali jitqies neċessarju għall-fini li jiġu indirizzati ħtiġijiet statistiċi addizzjonali. Dawk l-atti ddelegati għandhom jispeċifikaw:	
(a) is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati relatati mal-oqsma speċifikati fl-Artikolu 1 li jridu jiġu inklużi fil-ġbir tad-data ad hoc u r-raġunijiet għal dawn il-ħtiġijiet statistiċi addizzjonali;	
(b) il-perjodi ta' referenza.	
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 li jibdew mis-sena ta' referenza [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Għandu jkun hemm mill-inqas intervall ta' sentejn	

bejn l-iskadenzi għat-trażmissjoni ta' ġabriet tad-data ad hoc konsekuttivi.

3. Għall-fini tal-ġabriet tad-data ad hoc imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin tad-data li trid tiġi trażmessa, fejn xieraq:

(a) il-lista tal-varjabbli;

(b) id-deskrizzjonijiet tal-varjabbli;

(c) l-unitajiet tal-kejl;

(d) il-varjabbli għal speċijiet sensittivi;

(e) il-varjabbli għall-produzzjoni organika;

(f) il-varjabbli fil-livell reġjonali;

(g) il-limiti għall-identifikazzjoni tal-varjabbli eżentati;

(h) ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni;

(i) ir-regoli metodoloġiċi;

(j) l-iskadenzi biex tiġi trażmessa d-data;

(k) l-unitajiet ta' osservazzjoni.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2) mill-inqas 9 xhur qabel il-bidu tas-sena ta' referenza rilevanti.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u l-piż fuq ir-rispondenti tal-istatistika,*** id-data dwar is-sajd u l-akkwakultura msemmija fl-Artikolu 1(2)	2. Id-data dwar is-sajd u l-akkwakultura msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha tkopri mill-inqas f'kull Stat Membru:

għandha tkopri mill-inqas f'kull Stat Membru:

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
90 % tal-flotta tal-qbid tal-Unjoni, għall-piż tal-qbid skartat;	***100 %*** tal-flotta tal-qbid tal-Unjoni, għall-piż tal-qbid skartat;

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
95 % tal-piż tal-ħatt l-art;	***100 %*** tal-piż tal-ħatt l-art;

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
95 % tal-flotta tal-qbid tal-Unjoni;	***100 %*** tal-flotta tal-qbid tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-kopertura stabbilita fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika għall-Istati Membri li ma joġġezzjonawx għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7(1).

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-qabdiet u ***dwar il-flotta*** tal-qbid tal-Unjoni, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tuża mill-ġdid id-data rilevanti mill-bażijiet tad-data jew mir-reġistri stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu ***8(2)***, li jew jinżammu mill-Kummissjoni jew jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali u li għalihom il-Kummissjoni għandha aċċess. Qabel ixxerred dik l-istatistika, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tal-istatistika biex tiżgura li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità tal-istatistika. Jekk Stat Membru joġġezzjona għall-użu mill-ġdid tad-data nazzjonali tiegħu mill-Kummissjoni (il-Eurostat), għandu jibgħat lill-Kummissjoni (il-Eurostat) data dwar il-qabdiet u l-flotta tal-qbid fil-forma ta' settijiet tad-data aggregati. Tali oġġezzjoni għandha tiġi ssostanzjata kif xieraq u nnotifikata mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni (il-Eurostat) mhux aktar tard minn ***12-il xahar*** qabel il-bidu tas-sena ta' referenza.	1. Għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-qabdiet***, il-ħatt l-art*** u ***l-flotta*** tal-qbid tal-Unjoni, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tuża mill-ġdid id-data rilevanti mill-bażijiet tad-data jew mir-reġistri stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu ***8(1)***, li jew jinżammu mill-Kummissjoni jew jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali u li għalihom il-Kummissjoni għandha aċċess. Qabel ixxerred dik l-istatistika, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tal-istatistika biex tiżgura li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità tal-istatistika ***u r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 11***. Jekk Stat Membru joġġezzjona għall-użu mill-ġdid tad-data nazzjonali tiegħu mill-Kummissjoni (il-Eurostat), għandu jibgħat lill-Kummissjoni (il-Eurostat) data dwar il-qabdiet***, il-ħatt l-art*** u l-flotta tal-qbid fil-forma ta' settijiet tad-data aggregati. Tali oġġezzjoni għandha tiġi ssostanzjata kif xieraq u nnotifikata mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni (il-Eurostat) mhux aktar tard minn ***sitt xhur*** qabel il-bidu tas-sena ta' referenza.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar ***il-ħatt l-art u*** l-akkwakultura, l-Istati Membri għandhom ***jibagħtu*** lill-Kummissjoni (il-Eurostat) ***statistika*** dwar ***il-ħatt l-art u*** l-akkwakultura fl-għamla ta' settijiet tad-data aggregati.	2. Għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar l-akkwakultura, l-Istati Membri għandhom ***jittrażmettu*** lill-Kummissjoni (il-Eurostat) ***id-data rilevanti*** dwar ***l-akkwakultura kif imsemmi fl-Artikolu 8, b'mod partikolari l-bażijiet*** tad-data ***jew ir-reġistri stabbiliti fil-livell nazzjonali. Qabel tiġi disseminata dik l-istatistika, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tal-istatistika biex tiżgura li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità tal-istatistika u r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 11***. ***Jekk Stat Membru joġġezzjona li l-Kummissjoni (il-Eurostat) tuża mill-ġdid id-data nazzjonali tiegħu, għandu jittrażmetti lill-Kummissjoni (il-Eurostat) data dwar*** l-akkwakultura fl-għamla ta' settijiet tad-data aggregati. ***Tali oġġezzjoni għandha tiġi sostanzjata kif xieraq u notifikata mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni (il-Eurostat) mhux aktar tard minn sitt xhur qabel il-bidu tas-sena ta' referenza.***

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk data rilevanti dwar ***il-ħatt l-art jew dwar*** l-akkwakultura ssir disponibbli minn kwalunkwe bażi tad-data jew reġistru	3. Jekk data rilevanti dwar l-akkwakultura ssir disponibbli minn kwalunkwe bażi tad-data jew reġistru ieħor

ieħor stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tuża mill-ġdid dik id-data biex tipproduċi statistika skont l-istess proċeduri kif stabbilit fil-paragrafu 1, ***diment*** li tali data tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 11.	stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tuża mill-ġdid dik id-data biex tipproduċi statistika skont l-istess proċeduri kif stabbilit fil-paragrafu 1, ***dment*** li tali data tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 11.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jitolbu lill-Kummissjoni (il-Eurostat) biex tikkoreġi d-data. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dik it-talba skont il-ġustifikazzjoni għall-korrezzjoni. Dik il-ġustifikazzjoni, hekk kif tiġi aċċettata, għandha ssir disponibbli għall-pubbliku.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jużaw wieħed jew aktar mis-sorsi u l-metodi tad-data li ġejjin, sakemm jippermettu li tiġi prodotta statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 11:	***imħassar***
(a) sorsi tad-data amministrattiva speċifikati fil-paragrafu 2;	
(b) sorsi tad-data amministrattiva bbażati fuq il-liġi nazzjonali;	

(c) stħarriġ statistiku;

(d) metodi u sorsi innovattivi, bħal għodod diġitali u sensuri remoti.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fir-rigward tal-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu,*** l-Istati Membri ***jistgħu*** jużaw ***kwalunkwe data*** mis-sorsi li ġejjin:	2. L-Istati Membri ***għandhom*** jużaw ***id-data*** mis-sorsi li ġejjin:

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jużaw ukoll wieħed jew aktar mis-sorsi u l-metodi tad-data li ġejjin, dment li jippermettu li tiġi prodotta statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 11:
	(a) sorsi tad-data amministrattiva bbażati fuq il-liġi nazzjonali;
	(b) stħarriġ statistiku;
	(c) metodi u sorsi innovattivi, bħal għodod diġitali, inklużi sistemi ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (REM) jew sensuri remoti.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-fini tal-paragrafu 3, kull Stat Membru għandu jittrażmetti lill-Kummissjoni (il-Eurostat), għall-ewwel darba sa ***[trid timtela kif xieraq],*** u mbagħad kull ***3*** snin, rapport ta' kwalità li jiddeskrivi l-proċessi statistiċi għad-data trażmessa tul il-perjodu, inkluż b'mod partikolari:	4. Għall-fini tal-paragrafu 3, kull Stat Membru għandu jittrażmetti lill-Kummissjoni (il-Eurostat), għall-ewwel darba sa ***... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** u mbagħad kull ***tliet*** snin, rapport ta' kwalità li jiddeskrivi l-proċessi statistiċi għad-data trażmessa tul il-perjodu, inkluż b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ġabriet tad-data ad hoc imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-użu ta' metodi u approċċi innovattivi, bħal għodod diġitali u sensuri remoti, imsemmija fl-Artikolu ***8(1)(d)*** ta' dan ir-Regolament.	(b) l-użu ta' metodi u approċċi innovattivi, bħal għodod diġitali u sensuri remoti, imsemmija fl-Artikolu ***8(2a)(c)*** ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	***imħassar***

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikoli 4(4) u 5(1)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka delega tas-setgħa għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	4. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikolu 4(4)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka delega tas-setgħa għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	5. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ***Il-Kummissjoni għandha wkoll tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati fit-tħejjija ta' att delegat.***

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Att delegat adottat skont ***l-Artikoli 4(4) u 5(1)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	7. Att delegat adottat skont ***l-Artikolu 4(4)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Anness – paragrafu a*Test propost mill-Kummissjoni*

Suġġett	Suġġetti dettaljati	Frekwenzi tat-trażmissjoni	Perjodu ta' referenza	Dimensjonijiet	
				Speċijiet sensittivi	Reġjonali
Qabdiet Id-data għandha tkopri l-qabdiet fir-reġjuni kollha tas-sajd tal-FAO.	**Qabdiet kummerċjali** Id-data għandha tkopri l-piż tal-qabdiet kummerċjali, skont l-ispeċi, li nħattu l-art mill-flotta tas-sajd tal-Unjoni jew ***li twettqu*** mingħajr bastiment.	Annwali	Sena kalendarja	Applikabbli	Applikabbli
	Qbid skartat Id-data għandha tkopri l-piż tal-qabdiet kummerċjali li jintefgħu lura fil-baħar, skont l-ispeċi.	Annwali	Sena kalendarja	Applikabbli	Applikabbli
	Qabdiet rikreattivi Id-data għandha tkopri l-piż tal-qabdiet rikreattivi, skont l-ispeċi, irrispettivament min-nazzjonalità tal-persuni fiżiċi involuti fis-sajd rikreattiv.	Annwali	Sena kalendarja	Applikabbli	Applikabbli

Suġġett	Suġġetti dettaljati	Frekwenzi tat-trażmissjoni	Perjodu ta' referenza	Dimensjonijiet	
				Speċijiet sensittivi	Reġjonali
Ħatt l-art Id-data għandha tkopri l-piż u l-valur monetarju tal-prodotti tas-sajd minn qabdiet kummerċjali: (a) li nħattu l-art u li nbiegħu mill-flotta tas-sajd tal-Unjoni fir-reġjuni kollha tas-sajd tal-FAO; (b) li nħattu l-art u li nbiegħu minn flotot mhux tal-Unjoni fit-territorju tal-Unjoni; (c) li twettqu mingħajr bastiment fit-territorju tal-Unjoni.	**Prodotti li nħattu l-art** Id-data għandha tkopri l-piż u l-valur monetarju tal-ewwel bejgħ tal-prodotti tas-sajd li nħattu l-art, skont l-ispeċi, maqsumin skont il-preżentazzjoni, l-użu maħsub u l-bandiera tal-bastiment.	Annwali	Sena kalendarja		Applikabbli
Flotta tal-qbid Id-data għandha tkopri l-flotta tal-qbid tal-Unjoni.	**Struttura** Id-data għandha tkopri l-karatteristiċi strutturali ewlenin tal-flotta tal-qbid tal-Unjoni u l-irkaptu użat.	Annwali	Sena kalendarja		

Emenda

Suġġett	Suġġetti dettaljati	Frekwenzi tat-trażmissjoni	Perjodu ta' referenza	Dimensjonijiet	
				Speċijiet sensittivi	Reġjonali
Qabdiet Id-data għandha tkopri l-qabdiet fir-reġjuni kollha tas-sajd tal-FAO.	**Qabdiet kummerċjali** Id-data għandha tkopri l-piż tal-qabdiet kummerċjali, skont l-ispeċi, li nħattu l-art mill-flotta tas-sajd tal-Unjoni jew ***attività tas-sajd*** mingħajr bastiment.	Annwali	Sena kalendarja	Applikabbli	Applikabbli
	Qbid skartat Id-data għandha tkopri l-piż tal-qabdiet kummerċjali li jintefgħu lura fil-baħar, skont l-ispeċi.	Annwali	Sena kalendarja	Applikabbli	Applikabbli
	Qabdiet rikreattivi Id-data għandha tkopri l-piż tal-qabdiet rikreattivi, skont l-ispeċi, irrispettivament min-nazzjonalità tal-persuni fiżiċi involuti fis-sajd rikreattiv.	Annwali	Sena kalendarja	Applikabbli	Applikabbli

Suġġett	Suġġetti dettaljati	Frekwenzi tat-trażmissjoni	Perjodu ta' referenza	Dimensjonijiet	
				Speċijiet sensittivi	Reġjonali
Ħatt l-art Id-data għandha tkopri l-piż u l-valur monetarju tal-prodotti tas-sajd minn qabdiet kummerċjali: (a) li nħattu l-art u li nbiegħu mill-flotta tas-sajd tal-Unjoni fir-reġjuni kollha tas-sajd tal-FAO; (b) li nħattu l-art u li nbiegħu minn flotot mhux tal-Unjoni fit-territorju tal-Unjoni; (c) li twettqu mingħajr bastiment fit-territorju tal-Unjoni.	**Prodotti li nħattu l-art** Id-data għandha tkopri l-piż u l-valur monetarju tal-ewwel bejgħ tal-prodotti tas-sajd li nħattu l-art, skont l-ispeċi, maqsumin skont il-preżentazzjoni, l-użu maħsub u l-bandiera tal-bastiment.	Annwali	Sena kalendarja		Applikabbli
Flotta tal-qbid Id-data għandha tkopri l-flotta tal-qbid tal-Unjoni.	**Struttura** Id-data għandha tkopri l-karatteristiċi strutturali ewlenin tal-flotta tal-qbid tal-Unjoni u l-irkaptu użat.	Annwali	Sena kalendarja		***Applikabbli***
	Struttura Soċjali	***Annwali***	***Sena kalendarja***		***Applikabbli***

Suġġett	Suġġetti dettaljati	Frekwenzi tat-trażmissjoni	Perjodu ta' referenza	Dimensjonijiet	
				Speċijiet sensittivi	Reġjonali
	Id-data għandha tkopri l-informazzjoni demografika tas-sajjieda fil-flotta tal-qbid, inklużi l-livell ta' edukazzjoni, l-età u l-istruttura tal-ġeneru.				
	Struttura Ekonomika ***Id-data għandha tkopri l-informazzjoni tad-data ekonomika tal-flotta tal-qbid, inklużi l-konsum totali tal-fjuwil, il-kostijiet totali fuq is-salarji u l-kostijiet totali tal-manutenzjoni***	***Annwali***	***Sena kalendarja***		***Applikabbli***

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Anness – paragrafu b*Test propost mill-Kummissjoni*

Suġġett	***Suġġetti dettaljati***	***Frekwenzi tat-trażmissjoni***	***Perjodu ta' referenza***	***Dimensjonijiet***	
				Organiċi	***Reġjonali***
Produzzjoni tal-akkwakultura minbarra l-imfaqas u n-nurseries *Id-data għandha tkopri l-piż u l-valur monetarju tal-produzzjoni tal-akkwakultura għall-konsum.*	***Prodotti tal-akkwakultura minbarra l-bajd*** *Id-data għandha tkopri l-piż u l-valur tal-organiżmi akkwatiċi, skont l-ispeċi, mal-ewwel bejgħ, irrapportati f'ekwivalenti ta' piż ħaj ta' produzzjoni mhux ipproċessata, maqsumin skont l-ambjent u l-metodu ta' produzzjoni. Id-data għandha teskludi l-bajd tal-akkwakultura.*	*Annwali*	*Sena kalendarja*	*Applikabbli*	*Applikabbli*
	Bajd tal-akkwakultura *Id-data għandha tkopri l-piż u l-valur tal-bajd tal-akkwakultura, skont l-ispeċi, mal-ewwel bejgħ, irrapportati f'ekwivalenti ta' piż frisk tal-produzzjoni mhux ipproċessata, maqsumin skont l-ambjent.*				*Applikabbli*
Flussi fl-akkwakultura *Id-data għandha tkopri l-flussi tal-akkwakultura mhux għall-konsum.*	***Akkwakultura bbażata fuq il-qbid*** *Id-data għandha tkopri l-piż u l-valur tal-qabdiet mill-ambjent naturali, skont l-ispeċi, għat-tkabbir fl-istabbilimenti tal-akkwakultura.*	*Annwali*	*Sena kalendarja*		

Suġġett	*Suġġetti dettaljati*	*Frekwenzi tat-trażmissjoni*	*Perjodu ta' referenza*	*Dimensjonijiet*	
				Organiċi	*Reġjonali*
	Prodotti minn imfaqas u nurseries *Id-data għandha tkopri l-produzzjoni tal-imfaqas u tan-nurseries, skont l-ispeċi, fl-għadd prodott u mibjugħ għat-tkabbir jew prodott bl-intenzjoni li jiġi rilaxxat fl-ambjent naturali, maqsuma skont id-destinazzjoni tal-użu u l-istadju fiċ-ċiklu tal-ħajja. Id-data għandha tkopri l-valur monetarju tal-produzzjoni mill-imfaqas u min-nurseries, skont l-ispeċi, mal-ewwel bejgħ, għat-tkabbir, maqsum skont id-destinazzjoni tal-użu u l-istadju fiċ-ċiklu tal-ħajja.*				
Stabbilimenti tal-akkwakultura *Id-data għandha tkopri l-istruttura tal-istabbilimenti tal-akkwakultura.*	***Stabbilimenti*** *Id-data għandha tkopri l-għadd u l-kejl tal-istabbilimenti tal-akkwakultura, maqsumin skont it-Tabella 11 fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1167[1].*	*Kull sentejn*	*Sena kalendarja*		*Applikabbli*

[1] *Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1167 tas-27 ta' April 2021 li tistabbilixxi l-programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura mill-2022, C/2021/2797 (ĠU L 253, 16.7.2021, p. 51–90).*

Emenda

Suġġett	***Suġġetti dettaljati***	***Frekwenzi tat-trażmissjoni***	***Perjodu ta' referenza***	***Dimensjonijiet***	
				Organiċi	***Reġjonali***
Produzzjoni tal-akkwakultura minbarra l-imfaqas u n-nurseries *Id-data għandha tkopri l-piż u l-valur monetarju tal-produzzjoni tal-akkwakultura għall-konsum.*	***Prodotti tal-akkwakultura minbarra l-bajd*** *Id-data għandha tkopri l-piż u l-valur tal-organiżmi akkwatiċi, skont l-ispeċi, mal-ewwel bejgħ, irrapportati f'ekwivalenti ta' piż ħaj ta' produzzjoni mhux ipproċessata, maqsumin skont l-ambjent u l-metodu ta' produzzjoni. Id-data għandha teskludi l-bajd tal-akkwakultura.*	*Annwali*	*Sena kalendarja*	*Applikabbli*	*Applikabbli*
	Bajd tal-akkwakultura (bajd tal-ħut) *Id-data għandha tkopri l-piż u l-valur tal-bajd tal-akkwakultura **għall-konsum mill-bniedem**, skont l-ispeċi, mal-ewwel bejgħ, irrapportati f'ekwivalenti ta' piż frisk tal-produzzjoni mhux ipproċessata, maqsumin skont l-ambjent.*				*Applikabbli*
Flussi fl-akkwakultura *Id-data għandha tkopri l-flussi tal-akkwakultura mhux għall-konsum.*	***Akkwakultura bbażata fuq il-qbid*** *Id-data għandha tkopri l-piż u l-valur tal-qabdiet mill-ambjent naturali, skont l-ispeċi, għat-tkabbir fl-istabbilimenti tal-akkwakultura.*	*Annwali*	*Sena kalendarja*		

Suġġett	*Suġġetti dettaljati*	*Frekwenzi tat-trażmissjoni*	*Perjodu ta' referenza*	*Dimensjonijiet*	
				Organiċi	*Reġjonali*
	Prodotti minn imfaqas u nurseries *Id-data għandha tkopri l-produzzjoni tal-imfaqas u tan-nurseries, skont l-ispeċi, fl-għadd prodott u mibjugħ għat-tkabbir jew prodott bl-intenzjoni li jiġi rilaxxat fl-ambjent naturali, maqsuma skont id-destinazzjoni tal-użu u l-istadju fiċ-ċiklu tal-ħajja. Id-data għandha tkopri l-valur monetarju tal-produzzjoni mill-imfaqas u min-nurseries, skont l-ispeċi, mal-ewwel bejgħ, għat-tkabbir, maqsum skont id-destinazzjoni tal-użu u l-istadju fiċ-ċiklu tal-ħajja.*				
Stabbilimenti tal-akkwakultura *Id-data għandha tkopri l-istruttura tal-istabbilimenti tal-akkwakultura.*	***Stabbilimenti*** *Id-data għandha tkopri l-għadd u l-kejl tal-istabbilimenti tal-akkwakultura, maqsumin skont it-Tabella 11 fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1167[1].*	*Kull sentejn*	*Sena kalendarja*		*Applikabbli*
	Struttura Soċjali ***Id-data għandha tkopri l-informazzjoni demografika dwar il-ħaddiema fl-istabbilimenti tal-akkwakultura, inklużi l-livell ta' edukazzjoni, l-età u l-istruttura tal-ġeneru.***	***Kull sentejn***	***Sena kalendarja***		***Applikabbli***

Suġġett	*Suġġetti dettaljati*	*Frekwenzi tat-trażmissjoni*	*Perjodu ta' referenza*	*Dimensjonijiet*	
				Organiċi	*Reġjonali*
	Struttura Ekonomika Id-data għandha tkopri l-informazzjoni dwar id-data ekonomika għall-istabbilimenti tal-akkwakultura, inklużi l-konsum totali tal-enerġija u l-ffjuwil, il-kostijiet totali fuq is-salarji u l-kostijiet totali tal-manutenzjoni	***Kull sentejn***	***Sena kalendarja***		***Applikabbli***

[1] *Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1167 tas-27 ta' April 2021 li tistabbilixxi l-programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura mill-2022, C/2021/2797 (ĠU L 253, 16.7.2021, p. 51–90).*

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Statistika Ewropea affidabbli, komprensiva u f'waqtha hija essenzjali għat-tfassil, għall-implimentazzjoni, għall-monitoraġġ, u għall-evalwazzjoni tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni relatati mas-sajd u mal-akkwakultura, b'mod partikolari taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). L-istatistika ta' kwalità għolja tirfed it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u tippermetti lill-Unjoni tivvaluta l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura, inklużi l-effetti tagħhom fuq l-iżvilupp tan-negozju, l-impjiegi, is-sigurtà tal-ikel, is-saħħa pubblika, il-kwalità tal-ilma, il-bijodiversità, l-ispeċijiet u l-ħabitats sensittivi, it-tibdil fil-klima, u l-funzjonament xieraq tas-swieq.

Hija meħtieġa dejjem aktar statistika Ewropea aktar dettaljata u f'waqtha biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE, kif ukoll ta' diversi inizjattivi tal-Kummissjoni, inklużi l-pjanijiet ta' azzjoni għall-produzzjoni organika, l-akkwakultura sostenibbli, ekonomija blu sostenibbli, l-iżvilupp tas-settur tal-algi, it-tranżizzjoni enerġetika fis-sajd u fl-akkwakultura, u l-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar.

L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura bħalissa tinġabar abbażi ta' ħames atti legali li ma jipprovdux konsistenza sħiħa fl-oqsma statistiċi kollha. Huwa meħtieġ qafas legali komuni biex tiġi żgurata l-konsistenza, jiġu ssimplifikati l-proċessi statistiċi u jiġi permess approċċ aktar olistiku. Ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament enfasizzaw ukoll l-importanza tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura,.

L-emendi proposti għar-regolament dwar l-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura jsaħħu l-istabbiliment ta' qafas integrat u affidabbli, u jiffukaw b'mod ċar fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv, il-protezzjoni tal-ħaddiema u t-tisħiħ tat-trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet. L-objettiv ewlieni huwa l-ġbir tad-data ta' kwalità għolja mingħajr duplikazzjoni, permezz tal-użu obbligatorju ta' sorsi amministrattivi eżistenti u l-allinjament ma' standards internazzjonali bħal dawk tal-FAO u tal-OECD. Fl-istess ħin, qed jiġi introdott prinċipju strett ta' neċessità u proporzjonalità għal kwalunkwe rekwiżit ġdid tad-data, biex jiġi evitat ammont ta' xogħol eċċessiv, b'mod partikolari għall-operaturi ż-żgħar u għar-reġjuni remoti jew ultraperiferiċi, li huma rikonoxxuti b'mod espliċitu bħala li jeħtieġu appoġġ tekniku u loġistiku mmirat. Fl-aħħar nett, l-emendi jistabbilixxu involviment sinifikanti tal-partijiet ikkonċernati qabel l-adozzjoni ta' atti delegati, filwaqt li jsaħħu l-leġittimità demokratika u jibnu l-fiduċja fis-settur fir-rigward tas-sistema tal-istatistika.

Jespandu l-qafas ta' referenza strateġika billi jorbtu r-Regolament il-ġdid mhux biss mal-Patt Ekoloġiku Ewropew iżda wkoll mal-Patt Ewropew għall-Oċeani, u billi jisħqu fuq il-ħtieġa għal ġbir sistematiku u armonizzat ta' data soċjoekonomika biex jiġi appoġġat tfassil ta' politika robust u bbażat fuq l-evidenza.

L-inklużjoni ta' elementi tal-istruttura soċjali u ekonomika fl-istatistika soċjoekonomika hija essenzjali biex tipprovdi fehim komprensiv tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura. Id-data dwar l-istruttura soċjali bħall-età, il-ġeneru u l-livell ta' edukazzjoni tas-sajjieda u tal-ħaddiema tal-akkwakultura tappoġġa l-valutazzjonijiet tal-kompożizzjoni tal-forza tax-xogħol, il-ħiliet, l-ekwità u s-sostenibbiltà ġenerazzjonali. Id-data dwar l-istruttura ekonomika li tkopri l-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija, il-kostijiet tas-salarji, u n-nefqiet tal-manutenzjoni għall-flotot tal-

qbid u għall-istabbilimenti tal-akkwakultura tippermetti analiżi robusta tal-kostijiet tal-produzzjoni, tal-effiċjenza, tal-profittabbiltà u tal-pressjonijiet ambjentali. Flimkien, dawn l-elementi jsaħħu t-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza, l-ippjanar tas-settur, u l-monitoraġġ tas-sostenibbiltà soċjali u ekonomika.

Minn perspettiva operazzjonali, l-emendi jkomplu jsaħħu l-objettiv tas-simplifikazzjoni amministrattiva. L-Istati Membri huma mħeġġa, u f'ċerti każijiet meħtieġa, jużaw mill-ġdid il-kontroll, il-flotta, u data amministrattiva oħra diġà miġbura skont il-PKS, filwaqt li jżommu l-flessibbiltà li jittrażmettu settijiet tad-data aggregati fi skadenzi iqsar fejn xieraq. Jiġu introdotti limiti ta' eżenzjoni aktar ċari, u jiġu promossi soluzzjonijiet diġitali inklużi għodod ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod, dment li l-kwalità tad-data, il-kunfidenzjalità u d-drittijiet tal-ħaddiema jiġu rispettati bis-sħiħ. Kwalunkwe korrezzjoni mitluba mill-Istati Membri trid tiġi ttrattata b'mod trasparenti u skont proċeduri definiti sew.

B'mod ġenerali, il-qafas rivedut ifittex li jipprovdi statistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura ta' kwalità għolja, komparabbli u f'waqtha li tappoġġa l-ġestjoni ambjentali sostenibbli, l-iżvilupp ekonomiku u l-benesseri soċjali, filwaqt li jimminimizza l-piż amministrattiv u jiżgura l-ekwità bejn ir-reġjuni u l-atturi fis-settur

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1]li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
Federation of European aquaculture producers (FEAP)
Hellenic aquaculture producers organization (HAPO)
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).